**QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' April, 2018**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 46/2018/2 AF**

**Maria Dolores sive Doris Mifsud**

**vs**

**Nikola sive Nicholas Mifsud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Dolores sive Doris Mifsud li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, intalbet din il-Qorti zzomm lill-intimat Nikola sive Nicholas Mifsud milli jbiegh jew b'xi mod jiddisponi minn ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kif deskritta fl-istess rikors.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba b'mod provizorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi dritt ghat-twegiba ta' ghaxart'ijiem. Giet ffissata wkoll data ghas-smiegh tar-rikors.

Rat it-twegiba mressqa minn Nikola sive Nicholas Mifsud li permezz taghha, ghar-ragunijiet moghtija, dan sostna li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat in-noti b'diversi dokumenti imressqa miz-zewg partijiet.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet kamerali.

Ikkunsidrat illi t-talba odjerna hija msejjsa fuq l-Art. 874 tal-Kap. 12 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dan il-provvediment tal-ligi gie sintetizzat fis-sentenza tal-Qorti diversament presjeduta Munqar Limited vs Annetto Farrugia deciza fit-12 ta' Frar 2015, li ghaliha din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fl-1972 u gidhom kien regolat mill-komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi. L-intimat Nikola Mifsud tul is-snin kien, u sa certu punt ghadu, propjetarju ta' diversi immobbli li huwa wiret jew li gew donati lilu u b'hekk kollha kienu meqjusa parafernali.

Jirrizulta mad-daqqa t'ghajn illi tul is-snin taz-zwieg saru diversi benefikati fil-proprjetajiet imsemmija b'dana ghalhekk li hafna minn dawn l-ispejjez jekk mhux ukoll kollha saru minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti. Jidher li waqt iz-zwieg inbniet

id-dar matrimonjali fuq art parafernali, saru benefikati estensivi fil-proprjetà mertu ta' dawn il-proceduri, inbnew zewg garages fuq art parafernali, ukoll gew mifdija diversi cnus. Ghaldaqstant l-istess benefikati jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti qeghda titlob il-hrug tal-mandat odjern sabiex tikkawtela is-sehem spettanti lilha.

L-intimat zewgha jsostni li l-istess benefikati thallsu dejjem minn fondi wkoll parafernali. F'dan l-istadju kwistjoni ta' din ix-xorta tirrikjedi ezami dettaljat tal-fondi kollha tal-konjugi waqt iz-zwieg. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali studju jmur essenzjalment oltre l-mansjoni ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri fejn jitqies biss dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju dettaljat jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li eventwalment tqis il-kawza tax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni.

L-intimat jikkontendi wkoll illi sehemu mid-dar matrimonjali ghandu jkun bizzejjed biex ikopri kreditu li jista' jkollha r-rikorrenti. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ghandha d-dubbji taghha. L-ispejjez li saru waqt iz-zwieg jidhru estensivi, filwaqt li sehem l-intimat mid-dar matrimonjali, jidher li jista' jiswa xi mija u tletin elf Ewro (€130,000). Mad-daqqa t'ghajn, jidher ghalhekk, li din ic-cifra ma tkunx bizzejjed biex tkopri l-kreditu pretiz.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Maria Dolores sive Doris Mifsud u zzomm lil Nikola sive Nicholas Mifsud milli jbiegh l-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada ta' Hax-Xluq bil-kejl ta' circa tomna erba' sighan u tlett kejliet ekwivalenti ghal elf, disa' mija, disgha u ghoxrin punt sebgha metri kwadri u tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-Altar tar-Ruzarju tal-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi, mill-Grigal ma' beni tal-werrieta ta' Francesco Mifsud u mix-Xlokk ma' beni ta' Dun Salvatore Dei Conti Manduca, mill-Lbic ma' triq pubblika. Din l-ghalqa ghandha in komunjoni mar-raba' vicin tal-werrieta ta' Francesco Mifsud, il-kamra u l-bir tal-ilma u hija soggetta ghad-dritt ta' passagg bir-rigel u bil-bhima favur l-istess raba tal-werrieta ta'

Francesco Mifsud u soggetta wkoll ghal piz piju u perpetwu ta’ zewg quddisiet letti favur il-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi.

Il-Qorti tordna lir-Registratur biex jesegwixxi d-debita registrazzjoni ta’ dan il-mandat skond il-ligi.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF